# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 t'April, 2017.**

**Rikors Numru 507/2010**

**Charlene Fenech (I.D. 319089M) u**
**Dennis Fenech (I.D. No: 232992M)**
**bhala ulied u eredi unici tad-defunt**
**Charles Fenech**

**vs.**

**(1) Andrew Magri (ID No: 86829M)**

**(2) Carlo Gauci (ID No: 397758M)**

**(3) Alexander Galea (ID No: 124167M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-17 ta' Mejju, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi r-rikorrenti huma ulied u l-unici eredi tal-mejjet Charles Fenech li miet intestat fiz-17 ta' Jannar, 2009, fi Triq Bir ir-Riebu, Rabat, f'incident fuq il-post tax-xoghol;

1.2. Illi l-imsemmi Charles Fenech kien qed jahdem bhala bennej mal-intimat Magri li kien il-kuntrattur inkarigat mill-proprjetarju tas-sit in kwistjoni, l-intimat l-iehor Galea, biex jinbena l-istess sit;

1.3. Illi l-intimat Magri kien qed jahdem hu wkoll fuq is-sit *de quo* meta sehh l-incident in dizamina;

1.4. Illi l-intimat Gauci kien l-operatur tal-*crane* li bih kienu qed jingarru l-*bricks* mill-livell tat-triq ghall-livell fejn kien qed jahdem l-imsemmi Charles Fenech;

1.5. Illi l-mewt ta' Charles Fenech grat unikament minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, jew nuqqas t'osservanza tar-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol daparti tal-intimati jew min minnhom;

1.6. Illi r-rikorrenti sofrew danni ingenti b'rizultat ta' dan l-incident li fih miet missierhom Charles Fenech;

1.7. Illi ghalkemm interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.8. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jghidu ghaliex din m'ghandiex:

1.8.1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident de quo li fih miet l-imsemmi Charles Fenech, missier ir-rikorrenti, u ghad-danni kollha li garrbu r-rikorrenti bhala l-

unici ulied u werrieta tal-imsemmi Charles Fenech konsegwenza tal-istess;

1.8.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti kagun tal-istess, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

1.8.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, biex ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

1.8.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-istess intimati jew min minnhom;

2. Rat l-ordni ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-31 ta' Mejju, 2010, li permezz tieghu tat l-ordnijiet procedurali hemm indikati lill-partijiet, (ara foll 16);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-4 t'Awwissu, 2010, li permezz taghha l-intimat Galea irrisponda sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 29):

3.1. Illi mhux risponsabbli ghall-incident in dizamina;

3.2. Illi hu impjega nies kompetenti u tas-sengha biex jaghmlu x-xoghol in kwistjoni, inkluz perit arkitett;

3.3. Illi jekk kien hemm xi negligenza hu ma jirrispondix ghan-negligenza ta' dawn in-nies;

3.4. Salv risposti ulterjuri;

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-2 ta' Settembru, 2010, li permezz taghha l-intimat Gauci rrisponda sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 46):

4.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

4.2. Illi mhux minnu li hu kien traskurat meta sehh l-incident *de quo* li fih miet Charles Fenech;

4.3. Illi ghalhekk ma jistax jinzamm responsabbli ghall-istess incident;

4.4. Illi ghalhekk ukoll m'ghandux jigi ikkundannat ihallas danni fir-rigward;

4.5. Illi *di piu`*, l-istess danni ghandhom jigu ppruvati;

4.6. Illi kien l-agir ta' Charles Fenech u tal-intimati l-ohra li wasslu biex isehh l-incident in dizamina *stante* li kienu huma li kienu traskurati, negligenti u m'osservawx ir-regolamenti tas-sigurta` fuq il-post tax-xoghol u wrew imperizja fl-esekuzzjoni ta' xogholhom;

4.7. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

4.8. Salv risposti ulterjuri;

5.0. Rat ukoll finalment ir-risposta guramentata datata l-14 ta' Settembru, 2010, li permezz taghha l-intimat Magri rrisponda sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 49);

5.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

5.2. Illi l-incident in dizamina ma sehhx minhabba htijiet imputabbli lilu;

5.3. Salv risposti ulterjuri;

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-8 ta' Marzu, 2011, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 61 u 62);

7. Rat id-digriet ta' din il-qorti kif preseduta datat il-25 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju *de quo* biex tirritorna l-inkartament fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 211);

8. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar x'jipproducu, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 237), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 264);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata z-19 t'April, 2016, (ara foll 234), flimkien ma' dik tal-intimat Magri datata l-1

t'April, 2016, (ara foll 242), u dik tal-intimat Gauci datata l-4 t'April, 2016, (ara foll 248);

10. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu awtorizzat lill-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti tipprezenta n-nota hemm minnha riferita, (ara foll 268);

11. Rat in-nota tar-rikorrenti datata l-21 ta' Novembru, 2016, (ara foll 271);

12. Semghet ix-xhieda prodotta quddiema;

13. Ezaminat id-dokumenti kollha pprezentati *in atti*;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura segwenti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

14.1. Illi r-rikorrenti huma ulied il-mejjet Charles Fenech li miet intestat f'incident li sehh fuq il-lant tax-xoghol fiz-17 ta' Jannar, 2009, fi Triq Bir ir-Riebu, ir-Rabat, Malta;

14.2. Illi hemmhekk l-imsemmi Charles Fenech kien qed jahdem bhala bennej, (ara foll 216);

14.3. Illi l-intimat Magri kien il-kuntrattur inkarigat mix-xogholijiet in kwistjoni u kien ihaddem lil Charles Fenech mieghu, (ara foll 226);

14.4. Illi l-intimat Galea kien il-proprjetarju tas-sit fejn kien qed isir ix-xoghol ta' bini u fejn sehh l-incident, (ara foll 108), u kien il-persuna li inkariga lill-intimat Magri biex "...jibnielu l-ahhar sular u *penthouse*", (ara foll 108);

14.5. Illi l-intimat Gauci kien l-operatur tal-*crane* li kien qed jintuza meta sehh l-incident in dizamina, (ara foll 120 u 229);

14.6. Illi permezz tal-*crane de quo* l-intimat Gauci kien qed itella l-*bricks* mill-livell tat-triq ghall-livell fejn kien qed jahdem Charles Fenech, (ara foll 120);

14.7. Illi skont il-perit tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirent l-incident jirrizulta li sehh bil-mod segwenti, (ara foll 110):

> "Meta gara l-incident, Carlo Gauci kien qed jopera l-*crane*, Andrew Magri kien qieghed gewwa jhoss it-tarag, John Fenech kien isfel iholl il-katina minn mal-gebel u Charles Fenech kien fuq il-gallarija. Andrew Magri qal li hu kien qal lil Charles Fenech sabiex x'hin ilesti milli jghabbi l-*bricks* fuq il-furketta, isejjahlu biex hu jmur jaralu";

14.8. Illi l-intimati lkoll jirrespingu t-talbiet tar-rikorrenti u jsosstnu li m'humiex responsabbli ghall-incident in dizamina, (ara foll 29, 46 u 49);

Ikkunsidrat:

15. Illi r-rikorrenti jsosstnu li l-incident in dizamina sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti rigwardanti s-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol *daparti* tal-intimati jew min minnhom, (ara foll 1);

16.0. Illi l-istess rikorrenti jiddikjaraw ukoll li Charles Fenech, (ara foll 24):

16.1. Ma halla l-ebda assi;

16.2. Illi r-rikorrenti Charlene u Dennis ahwa Fenech, huma uliedu;

16.3. Illi l-istess rikorrenti huma l-unici eredi universali tal-istess Charles Fenech;

16.4. Illi l-istess Charles Fenech ma kienx mizzewweg;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi rigward il-prova rikjesta mill-intimat Gauci rigwardanti l-fatt allegat mir-rikorrenti li huma l-unici eredi tal-imsemmi Charles Fenech, (ara foll 46), jinghad sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi r-rikorrenti Charlene Fenech tafferma bil-gurament taghha li hi wahda miz-zewgt (2) ulied ta' l-imsemmi Charles Fenech, (ara foll 53);

17.2. Illi l-istess Charlene Fenech regghet ikkonfermat dan fl-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2015, (ara foll 219);

17.3. Illi ghalkemm ir-rikorrenti Dennis Fenech ma jixhidx f'din il-procedura l-fatt li jirrizulta li hu iben l-imsemmi Charles Fenech u hu r-rikorrenti l-ohra Charlene, jirrizulta mill-istess xhieda tal-imsemmija ohtu, (ara foll 53 u 219);

Ikkunsidrat:

18. Illi ghandu jkun pacifiku li min jallega jrid jipprova; - *qui allegat probat*;

19. Illi ghalhekk l-obbligu tal-prova hi inkombenti fuq il-persuna li tallega;

20. Illi f'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghall-*artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta* li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah";

21. Illi *di piu`*, marbut strettament mal-artiklu indikat fil-paragrafu precedenti hemm l-*artiklu 559 tal-istess Kap* li jistabbilixxi li:

> "Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib";

22. Illi ghalhekk hu pacifiku li l-*onus probandi* hu fuq dik il-persuna li qed tafferma xi fatt;

23. Illi hi sussegwentement l-oneru tal-qorti li tiddeciedi fir-rigward fuq il-bazi tal-provi hekk prodotti ghall-konsiderazzjoni taghha;

Ikkunsidrat:

24.0. Illi f'dan ir-rigward tal-fatt li r-rikorrenti jsosstnu li huma l-eredi tad-defunt Charles Fenech jirrizulta li tali affermazzjoni hi sostenuta mis-segwenti:

24.1. Ir-rikors guramentat promotur, (ara foll 1);

24.2. Id-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti Charlene Fenech, (ara foll 53);

24.3. Ix-xhieda wkoll guramentata tal-istess rikorrenti Charlene Fenech, (ara foll 219);

Ikkunsidrat:

25. Illi wara li hasbet fit-tul fir-rigward din il-qorti tqis li x-xhieda guramentata fuq elenkata wehida – minghajr dokumentazzjoni oggettiva fir-rigward li hi facilment ottenuta skont il-ligi – mhux bizzejjed ghall-konvinciment morali li r-rikorrenti, b'daqshekk, fil-fatt huma l-unici eredi ta' Charles Fenech kif affermat;

26. Illi tali nuqqas daparti tar-rikorrenti li jissosstanzjaw b'mod oggettiv u skont il-ligi hu nuqqas gravi li jpoggi lill-qorti f'dilemma inutili li setghet tkun facilment superata;

27. Illi fin-nuqqas ta' tali prova oggettiva skont il-ligi l-affermazzjoni tar-rikorrenti tibqa' biss dak li hi – affermazzjoni – u xejn aktar, priva minn kull sostenn oggettiv skont kif rikjest mill-ligi;

28. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-istess rikorrenti naqsu li jissostanzjaw l-allegazzjoni taghhom;

29. Illi fi process li ilu mas-seba' (7) snin in gestazzjoni, r-rikorrenti ma jirrizultax li sabu l-hin jipprovdu r-ricerki testamentarji necessarji biex jissosstanzjaw skont il-ligi dak minnhom allegat;

30. Illi ghalhekk ir-rikorrenti naqsu li jressqu l-ahjar prova kif minnhom dovut;

31. Illi konsegwentement jirrizulta li r-rikorrenti ma pprovawx skond il-ligi, id-dritt ghall-wirt minnhom allegat;

Ikkunsidrat:

32.0. Illi in vista tal-premess ghalhekk, l-eccezzjoni de quo sollevata mill-intimat Gauci ghandha tigi akkolta, (ara foll 46 paragrafu b), li permezz taghha eccepixxa li r-rikorrenti ghandhom igibu l-prova li huma l-unici eredi tal-mejjet Charles Fenech, u konsegwentement:

**DECIDE:**

32.1. Takkolji l-imsemmija eccezzjoni sollevata mill-intimat Gauci, (ara foll 46);

32.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

32.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess rikorrenti.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**